MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 386/2002/1

**Mario u Josephine konjugi Theuma**

**vs**

1. **All Services Limited**
2. **Marsovin Qawra Agency**
3. **Nicholas Scerri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-5 ta` April, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

L-attur Mario Theuma waqt li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta All Services Limited fl-24 ta` Mejju, 2000 huwa wegga` fuq il-post tax-xoghol, kien fil-periklu tal-mewt, sofra lezjonijiet ta` natura gravi u permanenti filwaqt li ghadu jbaghti minn debilita` permanenti kif iccertifikaw, il-

konsulent Karl German fl-annessi certifikati datati, 8 ta` Awissu, 2000, 29 ta` Jannar, 2001, 15 ta` Frar, 2001, 20 ta` Marzu, 2001 u 20 ta` Dicembru, 2001, fl-anness certifikat tal-konsulent Nigel Dunglison datat 20 ta` Marzu, 2001 u fl-anness certifikat tal-kirurgu Charles Grixti datat 24 ta` Marzu, 2001;

Ghall-incident u konsegwenzjali danni jahti il-konvenuti u dan minhabba negligenza ta` l-istess konvenuti, kif ukoll nuqqas ta` tharis tar-regolamenti relattivi ghall-harsien tas-sahha u sigurta` fuq ix-xoghol u dan kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Il-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta` danni baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom, responsabbli ghall-incident li sehh fl-24 ta` Mejju, 2000 u li sehh b`rizultat ta` negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta, u b`rizultat ta` liema incident l-attur sofra debilita` permanenti, spejjez ta` kura u spejjez ohra.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi permezz ta` periti nominati mill-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu dawk id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra legali tat-13 ta` Novembru, 2000 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Nicholas Scerri li in forza taghha eccepixxa illi:

1. L-ewwel talba tal-atturi kif dedotti kontra l-eccipjent ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo ma garax tort tal-eccipjent.

2. It-tieni talba tal-atturi kif dedotti kontra l-eccipjent ghandha tkun respinta wkoll billi fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x`jigu likwidati favur l-atturi.

3. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba kif dedotti kontra l-eccipjent ghandha tigi rigettata stante li l-eccipjent m`ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra li in forza taghha eccepew illi:

Fl-ewwel lok il-Marsovin Qawra Agency m`ghandha l-ebda personalita` guridika u konsegwentement dina, bhala tali, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fit-tieni lok, l-eccipjenti ma` jahtu xejn ghall-incident in kwistjoni.

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qieghdin jikkontestaw d-danni pretizi partikolarment il-persentagg ta` dizabilita` li abbazi taghha l-atturi qieghdin jipprezentaw l-azzjoni odjerna.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-11 ta` Ottubru, 2002, li in forza tieghu inhatar bhala perit mediku, l-Professur Victor Griffiths, sabiex dan, bl-assistenza tal-perit legali Dr. Joseph A. Schembri, jirrelata dwar il-percentagg totali ta` dizabilita` fizika li allegatament qed isofri l-attur;

Rat ir-rapport tal-Profs. Victor Griffiths minnu pprezentat u mahluf fit-30 ta` Novembru, 2005, u r-rapport ta` Dr. Joseph A. Schembri minnu pprezentat fl-14 ta` Settembru, 2005, u mahluf fit-22 ta` Novembru, 2005;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat it-talba maghmula b`nota tad-29 ta` Novembru, 2005 mis-socjeta` konvenuta All Services Limited ghal hatra ta` periti perizjuri;

Rat li din it-talba giet irtirata fl-udjenza tat-28 ta` Marzu, 2006;

Rat in-nota tal-atturi tas-26 ta` Mejju, 2006 li in forza taghha cedew il-kawza fil-konfront biss ta` Nicholas Scerri;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident fuq il-post tax-xoghol li fih wegga` l-attur. Dwar kif gara l-incident, il-Qorti taghmel riferenza ghall-istqarrija guramentata tal-konvenut Nicholas Scerri, li dak iz-zmien kien impjegat mas-socjeta` All Services Ltd, u li spjega b`dan il-mod l-iter ta` kif sehh l-incident:

*"Fl-24 ta` Mejju, 2000 ghal habta tas-2.00p.m., l-esponent inghata struzzjonijiet minghand is-superjuri tieghu sabiex ihott kaxxi bil-fliexken tal-minerali vojta minn fuq it-trakk. L-attur Mario Theuma kellu jiehu nota tal-kaxxi li kienu qed jinhattu. Ghall-hatt, l-esponent ghamel uzu minn fork-lifter provdut mill-principal tieghu.*

*L-esponent hatt l-ewwel pallet, l-attur ha nota taghha u l-esponent saq lejn il-mahzen fejn jinzamm il-vojt. Hemm nizzel il-pallet u mar ghat-tieni wahda. L-esponent hareg bir-reverse biex imur ghat-tieni pallet. Ipproceda b`dan il-mod sabiex jevita li l-frieket tal-forklifter ikunu fuq quddiem u b`hekk ikun skansat li xi hadd jista` jkorri ghax ikun*

*aljenat u ma jindunax bil-forklifter. Dak iz-zmien il-forklifters ma kellhomx 'bleepers'.*

*Quddiem il-mahzen tal-vojt kien hemm rampa tas-siment li bl-uzu giet tizloq specjalment meta l-art tkun imxarrba. L-attur kien qed jiehu nota tal-vojt li kien imiss jinhatt minn fuq it-trakk. L-esponent kien qed jipprocedi bil-mod u bil-galbu. Kif hareg minn gal-bieb tal-mahzen, l-esponent kellu bzonn jaghfas il-brake u kif appena ghamel hekk il-forklifter skiddja peress li sakemm dahal u rega` hareg lahqet raxxet ftit tax-xita u l-art giet tizloq ferm. Mal-iskid, il-forklifter mar fid-direzzjoni tal-attur, li nqabad bejn il-forklifter u t-trakk, u korra.*

*L-incident tal-korriment tal-attur Mario Theuma ma garax tort tal-mod kif l-esponent kien qed isuq il-forklifter izda gara htija tal-konvenuti l-ohra, jew min minnhom, li ppermettew li l-post tax-xoghol fejn sehh l-incident ikun nieqes minn mizuri ta` sigurta` u ta` prevenzjoni ta` incidenti.*

*L-esponenti kien ilu jilmenta mas-superjuri tieghu li meta l-art tas-siment tixxarrab ikun hemm hafna zlieq. Li kieku l-art kienet imhaffra ('grooved') it-tyres tal-lifter kienu jaqbdu sewwa mal-art specjalment waqt li l-forklifter tkun on brake".*

Fil-waqt li s-socjeta` All Services Ltd ammettiet li responsabilita` esklusiva ghall-incident, il-konvenut Scerri jghid li hu mhux responsabbli ghal dak li gara u jitfa t-tort fuq il-kumpanija All Services Ltd li kienet l-employer tieghu u tal-attur.

Kaz simili ghal meritu ta` din il-kawza hija l-kawza "Callus vs Miceli Farrugia noe", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta` Dicembru, 2005. Dik il-kawza kienet ukoll tikkoncerna incident li sehh b`rizultat ta` uzu ta` forklifter fuq rampa; hemm hekk ukoll il-grooves fir-rampa saru wara l-incident u l-incident sehh meta l-fork-lifter skidja fuq ir-rampa wara li din ixxarbet bi spillage tal-bottijiet li kienu qed jingarru bil-fork-lifter. Fil-kaz meritu ta` din il-kawza, il-fork-lifter skidja wara li r-rampa xxarbet bix-xita, pero`, hemm xebh

fid-dinamika taz-zewg incidenti, hlief li fil-kawza l-ohra kien l-istess driver tal-fork-lifter li wegga` fl-incident. Din il-Qorti, fil-kawza l-ohra, kienet sabet lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni, wara li kien irrizulta li kienet naqset milli tiehu prekawzjonijeit biex taghmel is-sewqan tal-fork-lifter safe ghall-haddiema taghha. Ghall-argument li dik ir-rampa kienet ilha tintuza, bla incidenti, qabel ma sehh l-incident li fih wegga` l-attur, din il-Qorti kienet ghamlet din l-osservazzjoni:

*"Il-kumpanija konvenuta issostni li r-rampa ilha tintuza snin twal, u qatt ma nqalbet fork lifter. Il-Qorti tinnota, pero`, li lill-kumpanija kellu jirrizultala li gieli kienu qed jizolqu fork lifters fuq ir-rampa, u li precedentement kien hemm incident li ghal ftit ma kellux konsegwenzi serji. Fuq kollox, ghal din is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Calleja vs Fino noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta` Ottubru, 1980, fejn gie approvat il-pricipju li "The fact that the system adopted had been in use for years withour incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this"*.

Anke f`dan il-kaz, lill-kumpanija All Services Ltd saru osservazzjonijiet li l-fork-lifter kien jizloq fuq ir-rampa, izda l-kumpanija xorta wahda ma hadetx passi rimedjali hlief wara l-incident.

Fuq is-sewqan tal-konvenut Scerri, l-Qorti tinnota li ma kienx hu li wassal ghall-incident, peress li rrizulta li dan kien qed isuq bil-mod u bil-galbu, u l-incident sehh meta l-fork-lifter skidja wara li Scerri htieglu jafas il-brake. Il-vettura skidjat mhux minhabba xi sewqan imprudenti tal-konvenut Scerri, imma minhabba l-istat tal-art li fuqa kien mitlub isuq. Anke jekk jigi argumentat li Scerri ha xi decizjoni zbaljata fil-kors tal-manuvri li ghamel, kif osservat din il-Qorti fil-kawza aktar qabel imsemmija:

*"Hu stabbilit li huwa d-dover ta` min ihaddem biex jipprovdi "a safe system of work" u li "in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workers became careless about risks involved in their*

*daily work""- "Borg vs Wells et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Settembru, 1981, u "Grech vs Farrugia noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994. Kwindi, ghal xi aljenazzjoni jew decizjoni azzardata tal-impjegat, min ihaddem ghandu jahseb ghalihom u jipprovdi s-salvaguardi mehtiega. F`dan il-kaz tal-attur, dan ma sarx"*.

Kwindi, din il-Qorti ssib li s-socjeta` All Services Ltd unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li fih wegga` l-attur.

Ghar-rigward tad-danni jirrizulta li l-attur kellu 42 sena meta sehh l-incident, u, allura, fid-dawl tal-kontingenzi tal-hajja futura, sejra tadotta multiplier ta` 16 (ara "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar, 2004). Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-pjanijiet tal-Gvern prezenti li jgholli l-eta` tal-irtirar.

Dwar il-percentagg ta` dizabilita`, l-attur gie certifikat li, mill-aspett ortopediku, ibati minn dizabilita` ta` 5%; mill-aspett urologiku, fiziku u psikologiku, l-attur gie certifikat li jbati minn dizabilita` permanenti ta` 60%. F`din is-sitwazzjoni, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta li hi m`ghandhiex tipprocedi billi tghodd flimkien dawn iz-zewg percentaggi.

Meta tigi biex tikkomputa d-dizabilita` titoli, din id-dizabilita` trid tigi kunsidrata in relazzjoni ghal persuna bhala entita fizika wahda minghajr ma jigi prezunt li multiplicita ta` feriti jigu komputati komplessivament biex jirriflettu il-persentagg reali tad-dizabilita` li wiehed ikun sofra minnhom. Altrimenti wiehed jista` jasal ghal konkluzjoni assurda illi f`xi cirkostanzi jista` jkollok diversi persentaggi ta` dizabilita` li mehudin wahedhom u minghajr korrispondenza wiehed mal-iehor imorru oltre l-100%. Jew invece illi diversi dizabilitajiet zghar wehedhom mehudin singularment u maghdudin flimkien juri stat ta` dizabilita` gravissima fuq il-karta u mhux daqshekk gravi fir-realta`.

Fil-ktieb Munkman's *"Damages for Personal Injuries and Death"* (11th Edit. pag. 51) hemm referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ingliza ("Brown vs Woodall", 1995), fejn Sir John May ghamel din l-osservazzjoni:

*"I respectfully agree that the learned judge`s approach of adding up the various figures for the awards that he thought appropriate and the various different injuries could well lead one to an award which, compared with other awards, is in the aggregate, larger that is reasonable. In this type of case, in which there are a number of separate injuries, all adding up to one composite effect upon a plaintiff, it is necessary for a learned judge, no doubt having considered the various injuries and fixed a particular figure as reasonable compensation for each, to stand back and have a look at what should be the aggregate figure and ask if it is reasonable compensation for the totality of the injury to the plaintiff or whether it would, in the aggregate, be larger than was reasonable?"*.

Il-Qrati taghna, f`sitwazzjonijiet simili, ricentement bdew jadoperaw l-hekk imsejjah *"weighted average"*, fejn il-figura tal-percentagg ta` dizabilita` tinhadem fuq kalkolu bazat fuq l-entita` u l-kwalita` tal-griehi li garrab il-vittma (ara "Caruana vs Camilleri", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta` Ottubru, 1993, u "Degiorgio vs Da Crema", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta` Jannar, 2004).

Apparti din il-konsiderazzjoni, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi dak li jrid jigi stabbilit, ma huwiex il-grad ta` inkapacita` fis-sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat. Inoltre, il-percentagg ta` dizabilita` ma jridx jigi kkalkulat a bazi ta` dik il-parti tal-gisem milquta, izda irid jintwera x`effett kellha l-gerha fuq il-persuna b`mod generali (ara "Fenech vs Mizzi noe", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005).

F`dan il-kaz, il-griehi kbar li sofra l-attur kienu fil-pelvis, b`mod li issa qed issofri minn impotenza assoluta u problemi ohra ta` natura urologika. Hu veru li, kif irrelata l-perit legali, din is-sitwazzjoni tohloq stat ta` animu mhux

konducenti ghal ghixien ta` hajja trankwilla, izda, bhala fatt, din is-sitwazzjoni mhux se timpedih milli jahdem bi qliegh, kif l-attur, fil-fatt, qed jaghmel. Il-Qorti tifhem li, min ikun f`sitwazzjoni simili, ma jkunx qieghed psikologikament f`postu, u, normalment, ma jirrendix dak li huwa kapaci jirrendi meta huwa normali, pero`, minn qari tar-rapport tal-espert mediku, jidher li l-enfasi saret l-aktar fuq il-fatt li l-attur tilef il-kapacita` ghall-att sesswali ma` martu. Il-Qorti tissimpatizza mal-attur fuq dan, tifhem wkoll li dan jista` jhalli effett psikologiku ikrah fuq l-istess attur, izda tara li hu ftit esagerat li tikkunsidra li dan l-effett psikologiku sejjer inaqqas il-potenzjalita` ta` xoghol ghall-attur b`60%. Il-Qorti, trid tfakkar li l-ligi maltija ma taghtix kumpens *"for pain and suffering"*, izda biss ghal telf ta` qliegh. Il-Qorti jidhrilha li percentagg ta` 35% huwa aktar realistiku, meta tqies wkoll l-eta` tal-attur.

Il-Qorti, ghalhekk, tqies li l-komplessivament l-attur qed ibati minn 38% dizabilita` (mehuda l-griehi li sofra mill-aspetti ortopedici, urologici, fisici u psikologici flimkien).

Dwar id-dhul tal-attur, dan, meta sehh l-incident, kien ta` Lm4,020 fis-sena, izda mehud kont taz-zidiet li normalment wiehed jistenna fil-pagi, il-Qorti sejra timxi fuq dhul annwali ta` Lm5,000 (ara "Agius vs All Services Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005).

Ghalhekk il-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhadem hekk:

Lm5,000 x 16 x 38% = Lm30,400

Peress li s-somma ta` kumpens se tinghata f`daqqa, ghandu jsir tnaqqis (imsejjah *"lump sum payment deduction"*), li soltu tkun ta` 20%. F`dan il-kaz, pero`, l-incident sehh fis-2000, u kwindi s-somma ghandha tonqos bi 12% biss. Is-somma li ghandha tinghata bhala kumpens, allura, hija Lm26,752.

Ma giex muri x`kien l-involviment f`din il-kwistjoni ta` Marsovin Qawra Agency, jekk kien hemm, u lanqas jekk din ghandhiex jew le relazzjoni guridika mal-attur, u kwindi

l-Qorti se tichad it-talba attrici fil-konfront ta` din is-socjeta`.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza fil-konfront ta` Nicholas Scerri, stante cessjoni, tichad it-talbiet tal-attur fil-konfront ta` Marsovin Qawra Agency, pero`, tilqa` it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-kumpanija konvenuta All Services Ltd, tiddikjara li din is-socjeta` hi unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-24 ta` Mejju, 2000, u li fih wegga` l-attur, u tikkundanna lil din is-socjeta` All Services Ltd thallas lill-attur in linea ta` danni s-somma ta` Lm26,752 (sitta u ghoxrin elf, seba` mija u tnejn u hamsin liri Maltin) bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta All Services Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------